KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

**LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 87**

Is-seba u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 6 ta' Awissu 2018 fis-6pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3) | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.01 b'din l-Agenda:*

*87.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*87.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*87.5 Rapporti;*
*87.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*87.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*87.8 Mozzjonijiet ;*
*87.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 87.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

87.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku K. Busietta kif ukoll tal-Kunsillier J. Pillow biex jiġu skuzati minn din il-laqgħa. Kien hemm qbil li t-tnejn jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

*Is-Sindku ssosspenda s-seduta u introduċa lis-Sur Raphael Carabott bħala l-contracts manager il-ġdid li se jibda jagħti s-servizz mill-1 t'Awwissu 2018.*

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio għas-seduta fis-18.33*

*Is-Sur Carabott informa bis-sistema li se jkun qiegħed jaħdem fejn se jkun qiegħed jinforma lill-kuntrattur konċernat skont l-ilmenti li se jirċievi mill-uffiċċju tal-Kunsill. Qal li se jkun qiegħed jibgħat ritratti neċessarji. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-kunsilliera, li la darba ikollna l-provi neċessarji ta' nuqqassijiet huwa responsabbilta tal-Kunsilliera waqt is-seduta li jiddeċiedu jekk għandiex tinħareġ default notice jew le, skont il-kaz. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li l-Kunsill juza sistema online fejn l-ilmenti u r-risposti ikunu aċċessibbli għal kunsilliera u staff tal-Kunsill. Il-Kunsillier Portelli qal li hu lest li juri kif taħdem din is-sistema xi Sibt bejn l-10am u nofs in-nhar.*

## 87.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

87.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 86 tas-seduta tas-17 ta' Lulju 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

87.2.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 86.4.3 u talab li ssir korrezzjoni fl-aħħar sentenza u tinqara: 'Il-Kunsill għandu' u tkompli

l-istess. Kien hemm qbil dwar dan.

87.2.3 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-punt 86.4.11 u talab li ssir korrezzjoni fejn kien qal li jipproponi li l-fuljett tal-Kunsill isir f'Diċembru u mhux kif imnizzel 'f'Novembru'. Kien hemm qbil dwar dan.

87.2.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 86. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv. *Approvazzjoni tal-minuti 86_17/07/2018*

**87.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

87.3.1 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 86.4.6 dwar il-monument ta' Tony Nichol u ġie nnotat li l-perit għandu jkun jaf bil-qisien proposti. Għandu jsir *site meeting* sabiex jiġi stabbilit il-post ezatt u d-daqs tal-monument. *Monument ta' Tony Nichol*

87.3.2 Fir-rigward ta' Triq il-Kbira, is-Sindku informa li kif spjega fl-aħħar seduta għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar il-finanzjament tal-proġett ta' Triq il-Kbira u b'hekk qiegħed ikun hemm *delay*. Is-Sindku qal li f'dak il-kaz, minkejja li l-Kunsill se jibqa jinsiti biex issir Triq il-Kbira kif kien miftiehem, sadanittant għandu jinbeda l-proċess sabiex isir Triq Nicolo Isouard kif kien diġa deċiz biex b'hekk inkunu lħaqqna l-erba' parroċċi. Il-Kunsill qabel. *Triq il-Kbira/Triq Nicolo Isouard*

87.3.3 Is-Sindku irrefera għall-punt 86.3.3 dwar it-talba li l-Kunsill kellu biex isir xogħol bil-lejl. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill ma kienx qabel u kellu jagħmel rapport l-Għassa f'kaz li dawn ħadmu xorta. Il-Kunsill ġie avzat li x-xogħol ma sarx bil-lejl. *Triq Rudolfu (talba għal permess biex isir xogħol bil-lejl)*

87.3.4 Is-Sindku irrefera għall-punt 86.3.3 fejn informa li l-Kunsill kellu jiltaqa ma' residenti li kienu qegħdin joġġezzjonaw għall-istruttura tal-latrina pubblika proposta fix-Xatt. Is-Sindku qal li l-Kunsill iltaqa' ma' dawn ir-residenti, spjega wkoll li hemm il-possibilta li jkun hemm *tourist information office* bħala parti minn dan il-proġett li ser isir bi shab mal-MTA. F'din il-laqgħa mar-residenti ġie diskuss ukoll l-ideja tal-vizjoni mir-residenza tagħhom li jkun hemm *green roofs* u mhux l-istruttura waħeda ta' latrina pubblika. *Latrina pubblika proposta x-Xatt*

87.3.5 Is-Sindku informa li apparti d-deċizjoni li l-Kunsill kien ħa li jipproponi *Parroċċa Madonna*

li l-parti ta' Triq Rudolfu (fejn l-Għassa) issir b'isem dedikata għal Parroċċa Sacro Cuor tinbidel b'isem f'ġieh iċ-ċelebrazzjoni tas-Santwarju, il-Kunsill irċieva talba mill-Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor biex Triq San Trofimu tinbidel għal Triq is-Santwarju. Is-Sindku fakkar meta l-Kunsill kien irċieva l-istess talba f'għeluq l-okkazjoni taċ-ċentinarju tal-Kazin Stella Maris. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien favur il-bidla u wara kien hemm oġġezzjonijiet minn xi residenti, għaldaqstant irrakomanda li għandhom jiġu infurmati r-residenti ta' Triq San Trofimu. Saret dikussjoni u l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-isem tat-triq tinbidel, izda qabel ukoll li l-Kunsill għandu jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq San Trofimu fejn jitlob jekk jaqblux li tinbiddel jew le. *tas-Sacro Cuor*

87.3.6 Dwar punt 86.4.9 dwar l-ismijiet tat-toroq antiki li tħallew mal-ħajt, il-Kunsill għad irrid jara minn fejn jista jordna plakki li tgħid 'This is a historical name plaque', u ta' liema materjal l-aħjar li tkun. *Ismijiet tat-toroq antiki*

87.3.7 Dwar il-proġett ta' Triq Dingli, il-Kunsilliera ġew infurmati li s-Segretarju Ezekuttiv daħħal l-applikazzjoni tat-*trenching* ma' TM, saret laqgħa mal-perit u sadanittant qegħda tiġi proċessata l-applikazzjoni mill-PA ghall-finanzjament mill-UDF. Fir-rigward tas-siġar, is-Segretarju Ezekuttiv leħaq irċieva numru ta' kwotazzjonijiet. *Proġett Dingli*

87.3.8 Is-Sindku informa dwar il-ħsara li saret fil-monument ta' Triq Bisazza, u kien hemm qbil li dan jiġi irranġat. Fuq dan il-punt is-Sindku irrimarka fuq id-diversi ħsarat li l-Kunsill jiltaqa' magħhom u ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkunsidra biex il-ġonna pubbliċi u *playing fields* għandhom jingħalqu b'f*ence* addatat wara ċertu ħin ta' filgħaxija. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan. *Fencing – Gonna pubbliċi*

87.3.9 Is-Sindku informa li hemm bzonn isir *power wash* f'diversi toroq. Kien hemm qbil dwar dan. *Powerwash*

87.3.10 Is-Sindku informa li kellu talba mill-izviluppaturi ta' Townsquare biex jiltaqa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa siegħa u nofs qabel il-laqgħa tas-seduta li jmiss li se tiġi deċiza fl-aħħar ta' din is-seduta. *Laqgha Townsquare*

87.3.11 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-proposta sabiex l-impjegata Bernice Gatt titla għal skala 13 u dan wara li zdidula numru ta' responsabiltajiet wara li ghalqet tlett snin hidma f'dan il-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. *Bernice Gatt*

## 87.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

87.4.1 Il-Kunsillier P. Portelli informa li s-*sound* fuq *facebook* mhux qiegħed ikun ċar bizzejjed meta l-laqgħa tkun *live streamed*. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li għandu jinxtrara *cable* apposta għal *laptop*. *Live streaming – sound*

87.4.2 Il-Kunsillier P. Portelli irrimarka dwar il-funtana ta' Gnien Indipenenza. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li hemm *leakage* għaliex hemm problema bil-qiegħ tal-funtana u qiegħed jara kif din tista tissolva mal-kuntrattur. *Funtana - Gnien Indipendenza*

87.4.3 Il-Kunsillier P. Portelli propona li fil-*playing field* jiġi dizinjat mal-art logħob għat-tfal bħal *snakes and ladders* ecc. Kien hemm qbil li l-Kunsill issejjaħ 'call for design' fejn jiġu indikati d-*dimensions* u l-Kunsill jiddeċiedi fuq l-aħjar prezz. Is-Sindku issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jista jagħmel kuntatt mal-iskola Primarja fejn jaraw jekk l-għalliema ikunux interessati. *Playing Field*

87.4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar dwar il-proċess tal-RPZ u l-fatt li l-Kunsill baqa bla risposta mill-avukat. Kien hemm qbil li f'dan il-kaz il-Kunsill għandu jsib avukat ieħor u ssir laqgħa apposta. Is-Sindku, il-Kunsilliera P. Portelli, P. Radmilli, M. Briguglio offrew li jkunu prezenti għal din il laqgħa. Ġie nnotat ukoll li għalkemm J. Pillow ma kienx prezenti jaf ikun interessat ukoll. Il-Kunsillier P. Radmilli issugerixxa li nkellmu lid-Dott. Ivan Mifsud, *Head, Department of Public Law*, L-Universita ta' Malta. Il-Kunsill qabel. *RPZ*

87.4.5 Il-Kunsillier P. Radmilli irrimarka li fetaħ ħanut fi Triq Rudolfu fejn qiegħed ipoġġi tabella fit-triq li qegħda tieħu *parking bay*. Is-Sindku qal li t-tabella propja qegħda titpoġġa f'kantuniera fejn suppost hemm linji sofor, imma dawn press li mhumiex ċari qiegħed jidher li qegħda tiġi affettwata *parking bay*. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu jitlob għal diversi xogħlijiet ta' iffriskar ta' *road marking* mil-Koptasin izda dan l-aħħar jidher li x-xogħol qiegħed idum ma jsir.

87.4.6 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li meta jkun hemm *commencement notice* mil-PA u jsir jaf permezz ta' sistema. Issuġġerixxa li l-istaff tal-Kunsill li hu konċernat mill-kostruzzjoni għandu jkollu aċċess għal din is-sistema. *Commencement notice*

87.4.7 Fir-rigward tal-kazijiet legali li l-Kunsill jirċievi, il-Kunsillier P. Radmilli *Kazijiet legali*

qal li l-avukat għandu jibgħat *draft* lill-Kunsill ta' dawk il-kazijiet li jirċievi skont il-parir tiegħu, l-istaff konċernat jibgħat il-bord bir-risposta *draft*, il-bord jara jaqbilx u eventwalment tintbgħat ir-risposta lil individwu skont id-deċizjoni tal-bord.

87.4.8 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li kellu proposta minn residenti ta' Triq Don Rua biex issir *one way* minħabba li kif inhi qegħda perikoluza. Kien hemm qbil li ssir konsultazzjoni mar-residenti billi tintbgħatilhom ittra fejn jinfurmawna jaqblux jew le. *Triq Don Rua*

87.4.9 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bzonn li ssir vleġġa biex tiġi indikata t-tabella 'Dog Beach'. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bzonn titwaħħal 'No Entry Sign' għal fuq il-*beach* tal-MIDI. *Tabella Dog Beach*

87.4.10 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li qiegħed jirċievi ilmenti dwar is-servizz li qiegħed jingħata fil-Berga. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat lil Dr West fejn isaqsi x'servizzi kliniċi tista toffri l-Berga. *Servizzi fil-Berga*

87.4.11 Il-Kunsillier M. Brigulio saqsa dwar il-*lift tad-disabled* jekk hux se jiġi installat. Is-Sindku għandu jkellem lill MTA. *hoist disabled*

*Il-Kunsilliera P. Portelli u M. Briguglio ġew skuzati li jitilqu fit-20.23*

87.4.12 Il-Kunsilliera M. Aquilina irramarkat dwar is-sitwazzjoni ta' fuq il-*beach* tan-naħa tas-sajjieda, fejn hemm bzonn tindif tal-kosta, hemm bzonn *portable toilets* kif *ukoll bye law* għall-*islip way* li hemm għad-dgħajjes. Is-Sindku informa li din se jieħdu ħsieba l-MTA. Is-Sindku għandu jkellem ukoll lill-perit tal-*Public works* (Marine Section). *Beach tan-naħa tas-sajjieda*

87.4.13 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris irrimarkat li kellha diversi ilmenti dwar il-ħamiem u l-ħmieġ tagħhom fi Triq Dun Karm Psaila. Is-Sindku qal li kulħadd jaf bis-sitwazzjoni tal-ħamiem u li dak li l-Kunsill beda jagħmel biex itaffi l-problema ġie mwaqqaf, il-Kunsill għadu jrid jirċievi mill-AKL dwar x'ser jigri u liema policy ser tigi adottata. *Hamiem*

87.4.14 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li reġa kellha ilmenti li l-iskart minn Triq Bisazza qiegħed jinġabar minn kmieni filgħodu fejn qiegħed joħloq inkonvenjent lir-residenti minħabba l-istorbju. Il-Kunsill għandu jerġa jinforma lill-kumpanija konċernata. Ġie nnotat ukoll li Triq Bisazza mhux qegħda tiġi mnaddfa. Il-kunsill għandu jagħmel kuntatt mas-Sur Ramon Deguara tal-*Cleansing* *Triq Bisazza*

*Department.*

87.4.15 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa jekk jistax jibqa jibgħat suġġerimenti sabiex isiru bankini ġodda. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li minħabba l-istruzzjonijiet min-naħa tal-MTA, ix-xogħlijiet jistgħu jibdew minn Ottubru. Sadanittant il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom ta' fejn jixtiequ li jitrangaw bankini. *Bankini godda*

87.4.16 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li dak il-kuntrattur li kien għamel ix-xogħol fi Triq Blanche Huber għadu ma rranġa xejn. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dan għad għandu l-garanzija mizmuma. *Triq Blanche Huber*

87.4.17 Il-Kunsillier D. Muscat irrimarka li hemm bankina tizloq fi Triq Manwel Dimech (minn Rudolph sa St Helen). Il-Kunsill għandu jara dwar dan. *Triq Manwel Dimech*

87.4.18 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa dwar il-gazebos tal-Gnien Indipendenza. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawk se jingħalqu fejn l-injam qiegħed jinħadem u se jkun qiegħed jitpoġġa d-dawl dalwaqt. *Canopies – Gnien Indipendenza*

87.4.19 Il-Kunsillier D. Muscat fakkar dwar il-problema tad-dawl li l-Kunsill kellu waqt l-attivita *Pink October* għaliex d-dawl ma kienx deher roza. Is-Segretarju Ezekluttiv qal li din solvuta għaliex hemm *floodlights* apposta. Il-Kunsill għandu japplika biex jipparteċipa. *Pink October*

**87.5 RAPPORTI**

87.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

**87.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

87.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**87.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

87.7.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet. Il-Kunsillier P. Radmilli propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati kollha. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

87.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-iskema finanzjarja tal-librerija mid-DLG fejn dawn jirrifondu nofs l-ispiza li l-kunsill ikun għamel għall-librerija sa' massimu ta' Ewro 600. Il-Kunsill qabel ma dan. *Skema ta' librerja*

**87.8 MOZZJONIJIET**

87.8.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**87.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

87.9.1 Is-seduta ntemmet fit-20.58 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Settembru 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 18 ta' Settembru 2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |